

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.6439 – AGRANA/RWA/JV)
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2012/C 70/09)

1. Fid-29 ta' Frar 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (⁽¹⁾) li permezz tagħha l-impriżi AGRANA Beteiligungs-Aktiengesellschaft ("AGRANA", l-Awstrija) u RWA Raiffeisen Ware Austria Aktiengesellschaft ("RWA", l-Awstrija) jakkwistaw, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdien, kontroll konġunt ta' kumpanija ġidha li tikkostitwixxi impriżza konġunta ("il-JV", l-Awstrija) li se tghaqqaq is-sussidjarji rispettivi tagħhom AGRANA Juice and Ybbstaler.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal AGRANA: iz-zokkor, il-lamtu u l-frott,
- għal RWA: il-prodotti agrikoli, it-tagħmir tekniku, l-enerġija, il-materjal tal-bini, il-bini u l-ġardinaġġ, is-servizzi,
- għall-JV: il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' konċentrati tal-meraq tal-frott, mhux minn meraq tal-frott ikkonċentrat, purè tal-frott, aromi tal-frott, ħlewwa tal-frott, komposti tal-meraq u prodotti relatati.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6439 – AGRANA/RWA/JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistrū tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament tal-KE dwar l-Għaqdien”).